32003D0242

L 89/24 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 5.4.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' April 2003

li temenda id-Deċiżjoni 93/231/KEE, li tawtorizza, għal dak li għandi x'jaqsam ma' patata taż-żriegħ fit-territorju kollu jew in parti ta' ċerti Stati Membri, miżuri aktar iebsa fil-konfront ta' ċertu mard minn dak li hemm provdut fl-Annessi I and II ghad-Direttiva tal-Kunsill 66/403/KEE

(notifikata skond dokument numru K(2003) 1057)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/242/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-marketing ta' patata taż-żriegħ [1], kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/66/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/231/KE [3], kif emendata l-aħħar darba bid-Deċizjoni 96/332/KE [4], awtorizzat ċerti Stati Membri, għal ċerti reġjuni li qegħdin f'lista, li tirrestrinġi il-marketing ta' patata taż-żriegħ għal patata taż-żriegħ bażiku ta'certi livelli Komunitarji.

(2) It-tibdil fl-istruttra amministrativa ta' ċerti reġjuni fil-Finlandja jirrikjedu li r-riferenza li għandha x'taqsam elating mal-Finlandja fl-istess deċiżjoni tiġi emendata.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti taz-Zrieragh u Materjal li Jnissel għal l-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness ghad-Deċizjoni 93/231/KEE hi hawnhekk emendata skond l-Anness ta' din id- Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' April 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 60; Direttiva li ħassret u ħadet post id-Direttiva 66/403/KEE.

[2] ĠU C 25, tat-30.1.2003, p. 42.

[3] ĠU L 106, tat-30.4.1993, p. 11.

[4] ĠU L 127, tal-25.5.1996, p. 31.

L-ANNESS

Fir-riferenza għall-Finlandja fl-Anness tad-Deċiżjoni 93/231/KEE, il-kliem fil-kolonna 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Muniċipalitajiet ta' Liminka u Tyrnävä."